# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru: 1160/2017 JPG**

**Kawza Numru: 24**

**Stephen Muscat (K.I Nru. 420772M) u Claudine Muscat (K.I Nru. 214072M)**

**Vs**

**Ideal Marmi S.R.L in liquiazione (Cod. Fiscale: 01528290883) rapprezentata minn Modica Simona Giuseppe Caccamo (Codice Fiscale mhux maghruf), Maria Grazia Sangiorgio ( Codice Fiscale mhux maghruf) Simona Modica (Cod. Fiscale: MDCSMN74H50F258X)**

**Il-Qorti,**

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Stephen Muscat (K.I. Nru. 420772M) u ta' Claudine Muscat (K.I. Nru. 214072M), datata 27 ta' Dicembru, 2017, a fol 1 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi permezz ta' ftehim datat 21 ta' Lulju, 2017 (kopja tieghu hawn anness u mmarkat Dok. '**SM1**'), ir-rikorrenti kkontrattaw mas-socjeta' intimata Ideal Marmi S.R.L. sabiex din l-istess socjeta' tforni materjal konsistenti f'irham, travertine, accessorji tal-kmamar tal-banju u materjal iehor relatat, kif ukoll il-mano d'opera relattivament ghall-materjal imsemmi, ghar-residenza tar-rikorrenti;*

2. *Illi fl-iskambji u fit-trattattivi li sehhew qabel il-ftehim tal-21 ta' Lulju, 2017, kif ukoll fl-iskambji li sehhew wara l-istess ftehim, dejjem dehru l-intimati Giuseppe Caccamo u Maria Grazia Sangiorgio;*

3. *Illi dawn l-iskambji u trattativi sehhew <u>wara</u> li ad insaputa tar-rikorrenti, fl-20 ta' Frar, 2017, is-socjeta' intimata tpoggiet fi process ta' stralc u dana kif jirrizulta mill-estratt tar-'Registro delle Imprese', kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. '**SM2**';*

4. *Illi l-intimata Simona Modica hija l-uniku socju tas-socjeta' intimata u fl-4 ta' April, 2017 gie appuntata likwidatur ta' l-istess socjeta', u dana kif jirrizulta wkoll mill-estratt tar-'Registro delle Imprese' (Dok. 'SM2');*

5. *Illi a tenur ta' l-istess ftehim, ir-rikorrenti hallsu komplessivament u fi zminijiet differenti, is-somma ta' sitta u ghoxrin elf u hamest mitt Ewro (Eur26,500) bhala depozitu akkont tal-materjal u tal-mano d'opera in kwistjoni, li minnhom, hamest elef u hamest mitt Ewro (€5,500) thallsu in kontanti lill-intimati Giuseppe Caccamo u Maria Grazia Sangiorgio u l-bqija, cioe' wiehed u ghoxrin elf Ewro (€21,000) thallsu f'kont intestat lill-intimata Simona Modica;*

6. *Illi skond il-ftehim tal-21 ta' Lulju, 2017, ix-xoghol kellu jibda fit-2 ta' Settembru, 2017 u jispicca fit-2 ta' Ottubru, 2017. Illi minkejja li terzi persuni, inkarigati mill-intimati, jew min minnhom, ghamlu xoghol ta' qliegh tal-madum fejn eventwalment kellu jitwahhal l-irham u t-travertine u dawn l-istess terzi persuni kellhom ukoll jwahhlu l-istess irham u travertine,*

*inqala' dizgwied bejn l-intimati jew min minnhom u dawn it-terzi persuni, evidentement ghaliex dawn ta' l-ahhar ma thallsux, bil-konsegwenza li dawn l-istess terzi persuni telqu ghal kollox minn fuq il-lant tax-xoghol sakemm eventwalment l-intimati ddecidew unilateralment li, fi kliem l-intimat Giuseppe Caccamo, jissospendu x-xoghol u xorta wahda jfornu l-materjal;*

7. *Illi minkejja numru kbir ta' weghdiet, inkluzi termini ta' konsenja li l-intimat Giuseppe Caccamo semma' mar-rikorrenti, sallum ir-rikorrenti ghadhom ma rcevew l-ebda materjal, minkejja li hallsu 'il fuq minn sitta u ghoxrin elf u hamest mitt Ewro (€26,500), kif inghad hawn fuq, u sahansitra spiccaw, flimkien maz-zewg uliedhom li qeghdin fi zminijiet delikati ta' ezamijiet tal-'Matsec', minghajr saqaf fuq rashom Ii kellhom jikru post alternattiv, naturalment bi spejjez zejda;*

8. *Illi deher car ghar-rikorrenti li s-socjeta' intimata ma kienetx u m'hijiex f'qaghda li tforni l-materjal in kwistjoni u dana wara li b'qerq a skapitu tar-rikorrenti, l-istess socjeta' intimata, rapprezentata mill-intimati l-ohra, dahhlet fi ftehim (u l-intimati thallsu s-somma ta' sitta u ghoxrin elf u hamest mitt Ewro (€26,500) meta l-istess socjeta' kienet diga' tpoggiet fi process ta' stralc;*

9. *Illi kien ghalhekk li r-rikorrenti, bi spejjez zejda ghalihom, iddecidew li jixtru l-materjal minn band'ohra u jqabbdu persuni ohra biex jaghmlu x-xoghol ta' twahhil;*

10. *Illi minhabba l-agir ta' l-intimati, ir-rikorrenti soffrew danni, li ghalihom u ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, u kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors guramentat, iridu jaghmlu tajjeb ghalihom l-intimati in solidum bejniethom;*

11. *Illi sallum, appparti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf u hamest mitt Ewro (€26,500) li l-intimati ircevew b'qerq, kif inghad hawn fuq, ir-rikorrenti soffrew danni fis-somma ta' sebgha u tletin elf sitt mija u erba' Ewros u*

*tmienja u hamsin centezmu (€37,604.58), konsistenti fid-differenza fil-valur tal-materjal u tax-xoghol li kellhom jipprokuraw minn terzi u l-valur (tal-materjal u tax-xoghol) kontrattat mas-socjeta' intimata, spejjez ta' kera, granet ta' xoghol mitlufa u spejjez ta' vjaggar, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors guramentat odjern.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, igħidu l-intimati, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara li l-intimati in solidum bejniethom, għandhom jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf u hamest mitt Ewro (€26,500)*, *u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha;*

2. *Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf u hamest mitt Ewro (€26,500)*, *u dana oltre l-imgħaxijiet kummerċjali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha;*

3. *Tiddikjara li tort l-agir ta' l-intimati, ir-rikorrenti soffrew danni;*

4. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' sebgha u tletin elf sitt mija u erba' Ewros u tmienja u hamsin centezmu (€37,604.58);*

5. *Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' sebgha u tletin elf sitt mija u erba' Ewros u tmienja u hamsin centezmu (€37,604.58).*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kontra l-intimati, u bl-imgħaxijiet kummercjali dekorribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess intimati, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**Stephen Muscat** xehed permezz ta' affidavit a fol 74 *et seqq* illi r-rikorrenti kien talbu ghal xi *quotations* minghand *suppliers* Sqallin ghall-madum u irham ghad-dar taghhom. Qal illi s-socjeta Ideal Marmi S.R.L. kienet wahda minn dawn is-socjetajiet, u kienu dejjem jikkorrispondu ma' Maria Grazia Sangiorgio, li kienet baghtet xi ritratti u prezzijiet. Qal li r-rikorrenti kienu marru Sqallija personalment fil-21 ta' Lulju 2017, fejn kienu ltaqu ma' Giuseppe Caccamo li kien jidher li kien imexxi l-post. Xehed li huma bdew jaraw kampjuni u jiehdu xi idejat ma' Caccamo sakemm giet Sangiorgio , u eventwalment kienu ghazlu l-madum kollu li kellhom bzonn u inghataw stima. Kompla li fis-26 ta' Lulju 2017 Caccamo kien gie Malta u dakinhar kienu ffirmaw ftehim u hallsu €5,000 in kontanti akkont tal-prezz globali. Xehed li skont dan il-ftehim, Ideal Marmi kellha tissuplixxi materjal u *mano d'opera* ghar-residenza taghhom. Qal li skont dan il-ftehim, ix-xoghol kellu jibda fit-2 ta' Settembru 2017 u jispicca fit-2 ta' Ottubru 2017.

Xehed illi pero, ad insaputa tar-rikorrenti, fl-20 ta' Frar 2017 Ideal Marmi kienet tpoggiet fi process ta' stralc, u fl-4 ta' April 2017, Simona Maduca, li hija l-unika socja tas-socjeta, giet appuntata bhala likwidatur tal-istess kumpanija. Zied illi l-intimati kienu lahqu inkarigaw terzi sabiex jaqighlu il-madum li diga kellhom fid-dar u sabiex iwahhlu l-madum gdid. Qal li ghalhekk kien inqala' disgwid ma' dawn it-terzi peress illi naturalment ma thallsux, tant li kienu abbandunaw il-progett. Zied li ghalhekk is-socjeta ntimata ddecidiet unilateralment illi tisspospendi x-xoghol u xorta wahda tforni l-materjal.

Xehed illi minkejja diversi weghdiet, sallum il-gurnata ir-rikorrenti ghadhom ma rcievew l-ebda materjal, minkejja illi diga hallsu s-somma ta' €26,500, u spiccaw anke kellhom jikru post alternattiv fejn joqoghdu, flimkien ma' uliedhom li kienu qed jaghmlu l-ezamijiet ta' Matsec. Qal illi ghalhekk, apparti s-somma ta' €26,500 ir-rikorrent soffrew danni fis-somma ta' €37,604.58 relattivament ghal:

a. €18,676.91 – id-differenza fil-valur tal-materjal u tax-xoghol li kellhom jipprokuraw minn terzi u l-valur kontrattar mal-intimati;
b. €14,400 - spejjez ta’ kera;
c. €3,902.67 – granet ta’ xoghol mitlufa;
d. Spejjez ta’ vjaggar - €625

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi ghalkemm l-intimati giew debitament notifikati fit-12 ta’ Marzu 2018, baqghu ma prezentaw l-ebda risposta skont il-ligi. Il-Qorti taghraf ghalhekk illi l-intimati kollha huma kontumaci. Il-Qorti rat ukoll illi ghalkemm gew moghtija terminu sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom, hadd mill-intimati ma prezenta nota ta’ sottomissjonijiet.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> “... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa’ kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta’ jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;”

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta’ Marzu, 1996 inghad:

> “***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa’ kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta’ l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero’ li l-Qorti tista’ tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta’ jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-***

> ***sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.„***
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi in sostenn tal-ammont reklamat minnhom, ir-rikorrent prezentaw ricevuta li tikkonferma illi kienu hallsu lill-intimati s-somma ta' €5,000 fis-26 ta' Lulju 2017 (Fol39). Jirrizulta li kienu hallsu wkoll, permezz ta' trasferiment bankarju s-somma ta' €15,000 fil-31 ta' Lulju 2017 (Fol 40) u s-somma ta' €6,000 (Fol 41). Ghalhekk l-ammont komplessiv imhallas lill-intimati huwa fl-ammont ta' €26,000.

Fir-rigward tal-imghax kummercjali mitlub mir-rikorrenti fuq din is-somma, il-Qorti tqis illi dan l-imghax kummercjali m'huwiex dovut peress illi r-rikorrenti ma kkontrattawx mal-intimati qua kummercjanti, izda qua konsumaturi.

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti esebew kopja tal-iskrittura privata permezz ta' liema krew il-fond bl-indirizz 8, Sqaq San Pawl, Birkirkara, b'effett mill-31 ta' Ottubru 2017 ghal sena, ghal kirja mensili ta' €1,400 (fol 42).

Ir-rikorrent prezentaw ukoll kopji tal-biljetti tal-ivvjaggar taghhom (Fol 44- 49) li jammontaw ghal €681.

Fir-rigward tas-somma ta' €18,676.91 reklamata in kwantu d-differenza fil-valur tal-materjal u tax-xoghol li kellhom jipprokuraw minn terzi u l-valur kontrattat mal-intimati, il-Qorti rat

illi r-rikorrent ma prezentaw l-ebda prova in sostenn ta' din l-asserzjoni. Fil-fehma tal-Qorti din il-prova hija krucjali ghaliex minghajra, il-Qorti ma tistghax tiddetermina jekk id-differenza reklamata mir-rikorrenti hijiex fir-rigward ta' materjal komparabbli, jew jekk hijiex dovuta ghal fatt illi r-rikorrenti iddeciedew illi sussegwentement jixtru prodotti differenti minn dik pattwita mal-intimati. Dan ikkonsidrat illi f'dan il-kaz, il-kontestazzjoni m'hijiex illi l-intimati issuplixxew materjal ta' kwalita inferjuri jew mhux idoneja ghac-cirkostanzi tar-rikorrenti, izda proprju li l-materjal ma giex supplit. Lanqas ma ngabet prova tan-numru ta' haddiema li hadmu fuq il-post jew elenku ta' sighat ta' xoghol. Ghalhekk dan l-ammont ma giex pprovat skond il-ligi. Apparti minn dana kollu l-Qorti tifhem illi l-ammont imhallas mill-atturi cioe  sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000), jirrapprezenta l-prezz ta' materjal flimkien mal-prezz tal- mano d'opera – liema ammonti huma ndikati fl-ewwel zewg talbiet. Ghaldaqstant ma jistghax jintalab refuzjoni tal-prezz mifthiem fuq il-kuntratt, umbaghad jerga jintalab il-prezz ta' l-irham u mano d'opera ghaliex ikun hemm *double computing*

Fir-rigward tal-ammont ta' €3,902.67 reklamat kwantu ghal ammont ta' granet ta' xoghol mitlufa, il-Qorti taghraf illi anke f'dan ir-rigward ir-rikorrenti naqqsu milli jgibu provu sabiex jissostanzjaw l-allegazzjoni taghhom. Il-Qorti ghalhekk tillikwida l-ammont dovut f'dan is-sens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' €1,000.

Ghalhekk l-ammont ta' danni sofferti mir-rikorrenti kagun l-agir tal-intimati qieghed jigi likwidat fl-ammont ta' tmintax –il elf, erba' mija, wiehed u tmenin ewro (€18,481) – cioe:

| | | |
|---|---|---|
| Kera tal-fond: €1400 x 12 –il xahar | = | 16,800 € |
| Biljetti tal-ivjaggar | = | 681 € |
| Danni likwidati *arbitrio boni viri* | = | 1,000 € |
| **TOTAL ta'** | **=** | **18,481 €** |

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' limitatament l-ewwel talba, billi tiddikjara illi l-intimati in solidum bejniethom ghandhom jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000);**

2. **Tilqa' limitatament it-tieni talba u tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000), bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sad-data tal-pagamenti effettiv;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi r-rikorrenti sofrew danni tort l-agir tal-intimati;**
4. **Tilqa' limitatament r-raba' talba u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' tmintax–il elf, erba' mija, wiehed u tmenin ewro (€18,481);**
5. **Tilqa' limitatament il-hames talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tmintax–il elf, erba' mija, wiehed u tmenin ewro (€18,481), bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimati in solidum.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**